MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 105/2023 LM

**Johanna Ganado**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**
*('l-Awtorità appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fil-11 ta' Ottubru, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], fil-

proċeduri li r-rikorrenti **Johanna Ganado** [hawnhekk 'l-appellata'] istitwiet kontra l-Awtorità intimata, fejn it-Tribunal iddeċieda illi:

> *"Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-Appell billi jiċħdu in parti, u filwaqt li jikkonferma l-impożizzjoni tal-penali amministrattiva, qiegħed ivarja l-imsemmija multa billi jirriduċiha għall-ammont ta' mija u ħamsin Euro (€150) u għalhekk jordna lill-Awtorità tagħti rifużjoni ta' tliet mija u ħamsin Euro (€350) lir-rikorrenti peress li l-penali amministrattiva kienet diġà tħallset fl-intier tagħha."*

**Fatti**

2. Fil-5 ta' Mejju, 2023, l-Awtorità intimata bagħtet tinforma lir-rikorrenti li f'dik id-data u fis-snin ta' qabel, saru xogħlijiet ta' kostruzzjoni li mhumiex konformi mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06, għaliex hija bdiet xogħol ta' kostruzzjoni rigward il-permess tal-Ippjanar PA 9678/19, mingħajr ma ssottomettiet id-dokumentazzjoni kollha kif meħtieġ, u/jew mingħajr ma kellha l-approvazzjoni bil-miktub tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni. L-Awtorità intimata ordnat lir-rikorrenti twaqqaf l-iżvilupp li kienet qiegħda twettaq fuq is-sit, u ma tibda l-ebda xogħol ieħor fuqu, għajr biex tneħħi xi periklu jew tipprevjeni l-ħsara ta' infiltrazzjoni ta' ilma fil-proprjetà ta' terzi, jew xi xogħol ieħor li l-Awtorità tista' tordnalha tagħmel. L-Awtorità intimata imponiet ukoll fuq ir-rikorrenti multa amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt Euro (€500), liema penali kellha titħallas fi żmien ħamsa u għoxrin (25) jum min-notifika tal-Avviż lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti ġiet imwissija wkoll li, fin-nuqqas ta' ottemperanza ma' dan, jekk tinstab ħatja r-rikorrenti teħel multa ta' mhux aktar minn ħamsin elf Euro (€50,000), u fil-każ ta' reat permanenti multa oħra ta' elf Euro (€1,000) għal kull ġurnata ta' tkomplija tar-reat. L-Awtorità intimata

rriservat ukoll id-dritt tagħha li tidħol fi kwalunkwe bini jew sit li għalih jirreferi l-avviż ta' infurzar mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalità oħra, u li tagħmel kwalunkwe azzjoni jew ħaġa meħtieġa mill-avviż, inkluż l-għeluq jew l-issiġillar tas-sit, kif ukoll kull azzjoni oħra kif meħtieġa miċ-ċirkostanzi, inkluż, jekk ikun il-każ bl-assistenza tal-Pulizija.

3. Ir-rikorrenti ressqet appell kontra l-impożizzjoni tal-penali amministrattiva ta' ħames mitt Euro (€500), u qalet li hija kienet issottomettiet id-dokumenti kollha sabiex ikollha l-*clearance* tal-Awtorità intimata, u bagħtet id-dokumentazzjoni kollha mitluba minnha. Żiedet tgħid li dak iż-żmien hija ġiet infurmata li l-kopertura tal-assikurazzjoni kienet skadiet, u li kellha tinħareġ polza tal-assikurazzjoni ġdida, u li hija kienet ħadet ħsieb tħejji u tipprepara d-dokumentazzjoni kollha mitluba minnha. Ir-rikorrenti qalet li x-xogħol fuq is-sit kien diġà nbeda u li fuq is-sit kien hemm permess attiv li kellu l-*clearance* tal-Awtorità intimata. Qalet ukoll li hija kellha l-permessi kollha, il-garanziji bankarji u l-assikurazzjonijiet kollha meħtieġa, u l-*clearance* finali tal-Awtorità intimata ma kienitx intalbet bi żvista. Qalet iżda li dan ma jfissirx li hija ma kellhiex l-awtorizzazzjonijiet l-oħra kollha meħtieġa. Ir-rikorrenti infurmat ukoll lill-Awtorità intimata li kienet ħallset l-penali amministrattiva *under protest*.

4. L-Awtorità intimata wieġbet li kwalunkwe deċiżjoni li ttieħdet minnha kienet f'konformità ma' dak rikjest mil-liġi, u għalhekk kienet korretta f'kull aspett. Qalet ukoll li ladarba l-penali amministrattiva tħallset, l-appell intavolat mir-rikorrenti ġie sorvolat, u għalhekk talbet lit-Tribunal ma jieħu l-ebda konjizzjoni tal-appell tar-rikorrenti.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fil-11 ta' Ottubru, 2023, dan ċaħad l-appell tar-rikorrenti parzjalment, ikkonferma l-impożizzjoni tal-penali amministrattiva, b'dan li rriduċieha għal mija u ħamsin Euro (€150), u għalhekk ordna lill-Awtorità intimata tirrifondi lura l-ammont ta' tliet mija u ħamsin Euro (€350) lir-rikorrenti, u dan wara s-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"It-Tribunal***

*Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-Perit Cristina Devenish għall-appellanta Johanna Ganado rigward żvilupp li jinsab f''Melton House', 184, Triq Manwel Dimech, San Ġiljan fejn hija ppremettiet u talbet is-segwenti:*

"With reference to BCA/ENC/0148/2023, without prejudice I am emailing to file my appeal against the fine of Eur 500 that has now been paid under protest. On 6th December, 2022, the initial documents to achieve BCA clearance were submitted. BCA sent 2 communication notices on 12th January 2023 and 17th January 2023 and all the required documents were uploaded accordingly.

The notice received on 17th January pointed out that the insurance had expired and an updated insurance cover was required. This particular document (updated insurance policy, covering PA9678/19 was uploaded (doc 270e) on 6th December, 2023 with all the original submitted documents. Therefore, from our end, all the requested documents had been submitted.

Works on site were underway on this particular project already had an active permit (PA 6077/16), for which we had BCA clearance. Because works were being carried out legally, with all the required permits, bank guarantees and insurances, the clearance from your office for PA 9678/19 was simply overlooked. But this does not mean that we did not have all the necessary documents in place to carry out the works. The fact that the clearance wasn't issued was an oversight from your office and therefore the fine has no justification. For this reason, we would like to request a refund of the fine."

*Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:*

1. Illi l-Awtorità appellata qiegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformità ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;
2. Illi preliminarjament l-esponenti Awtorità qiegħda tissolleva li ġialadarba l-penali amministrattiva tħallset l-appell odjern huwa sorvolat;
3. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex ma jieħux konjizzjoni ulterjuri tal-appell*;*
4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha.*

*Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.*

*Ra d-depożizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.*

*Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.*

*Sema' t-trattazzjoni finali tal-partijiet.*

*Ra l-verbal tas-seduta tal-24 t'Awwissu, 2023, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.*

*It-Tribunal ħa konjizzjoni tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06, tal-Avviż Legali 136 tal-2019, kif emendat bl-Avviż Legali 180 tal-2019, u l-Kapitolu 623 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar ir-Regolamenti tal-Bini).*

***Ikkunsidra****;*

*Permezz ta' dan l-appell, l-appellanta qiegħda tappella minn deċiżjoni tal-Awtorità maħruġa nhar il-5 ta' Mejju, 2023, li permezz tagħha l-Awtorità imponiet Penali Amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt Euro (€500).*

*L-Awtorità imponiet penali amministrattiva minħabba li l-appellanta bdiet xogħol ta' bini rigward il-permess tal-Ippjanar PA 9678/19, li ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar fi 18 ta' Mejju, 2017, mingħajr ma ssottomettiet id-dokumentazzjoni kollha kif meħtieġa u lanqas ma ġabet l-approvazzjoni bil-miktub mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni.*

*L-Awtorità fir-risposta għall-appell issollevat illi ġialdarba l-penali amministrattiva tħallset l-appell odjern huwa sorvolat. Għalhekk it-Tribunal, kellu jikkunsidra l-ewwel din l-eċċezzjoni preliminari, qabel ma jidħol fil-mertu tal-appell. Peress li l-perit tal-appellanta stqarret li ħallset il-multa '*under protest*' biex tkun tista' tkompli bix-xogħol tal-iżvilupp in kwistjoni, l-appellanta kienet qiegħda tirriserva d-dritt li tikkontesta l-multa wara li għamlet il-ħlas u ma kienitx qiegħda taċċetta kwalsiasi*

*ħlas tal-multa. Għal din ir-raġuni, it-Tribunal ma jaqbilx li l-appell huwa sorvolat ġialdarba l-penali amministrattiva tħallset.*

*Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jikkunsidra jekk ir-raġuni li wasslet lill-Awtorità li timponi multa amministrattiva kinitx waħda valida fil-liġi. Ir-regolament tal-Liġi Sussidjarja 623.06, klawsola 21 tgħid illi:*

21. (1) Kull persuna li taġixxi b'kontravvenzjoni għad-disposizzjonijiet tar-regolament 6 għandha tkun ħatja ta' reat skont dawn ir-regolamenti u għandha teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux aktar minn ħames minn Euro (€500) u fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mitt Euro (€100) għal kull ġurnata li jkompli r-reat.

*Filwaqt li r-regolamenti tal-Liġi Sussidjarja 623.06, klawsola 6 tobbliga lill-iżviluppatur li jissottometti lill-Awtorità kopja tal-kopertura ta' assigurazzjoni u garanzija bankarja, waqt li klawsola 7 tgħid illi:*

Mhux aktar tard minn ġimgħatejn (2) qabel ma jinbdew xi xogħlijiet ta' skavar, demolizzjoni jew kostruzzjoni li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti, il-perit tal-proġett għandu jissottometti dikjarazzjoni tal-metodu relattiv skont ir-Raba', il-Ħames u s-Sitt Skedi u rapport dwar il-kundizzjoni tal-proprjetà skont is-Seba' Skeda li inħarġet bil-lingwa Ingliża biss, fuq websajt li jippreskrivi d-Direttur.

*Fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, il-5 ta' Lulju, 2023, il-Perit Cristina Devenish in eżami bil-Malti bil-ġurament tagħha qalet illi:*

"Mela dal-proġett għandu tliet permessi; l-ewwel permess ġibna l-*clearance* mingħand il-BCA, it-tieni permess tellajna – assumejna li tellajna kollox, ovvjament għamilna żball. Imbagħad kellna t-tielet permess, applikajna, applikajna mal-uffiċċju tagħkom, mal-BCA. Ovvjament ma konniex ħa napplikaw mal-BCA jekk għat-tieni permess ma kellniex il-clearance. Għamilna l-għażla, applikajna għat-tielet permess mal-clearance, mat-tielet permess għax assumejna li kellna l-clearance għat-tieni permess. Jiġifieri dan żball ġenwin u meta tellajna l-insurance, tard ovvjament, tellajna d-dokument, l-insurance, tistgħu taraw li 2018 għamilna l-extensions u inkludejna l-permess il-ġdid tal-2019 fl-insurance policy. ... It was just a genuine mistake cause we had all the documents. Obviously for the, għall-permess tat-2022 ma konniex ħa napplikaw magħkom jekk ma kellniex permess biex inkomplu naħdmu fuq it-2019."

*Jirriżulta u ampjament pruvat, li d-dokumenti neċessarji kollha kienu ġew intavolati lill-Awtorità fl-ewwel permess tal-iżvilupp, ċioe, PA 6077-16; tant li l-Awtorità ħarġet l-awtorizzazzjoni kollha neċessarja għall-permess. Bi żvista, dawn id-dokumenti, ma*

*ġewx sottomessi għat-tieni permess, ċioe PA 9678/19. Waqt seduta ta' nhar l-Erbgħa, 5 ta' Lulju, 2023, il-Perit Cristina Devenish bil-ġurament spjegat illi d-differenza bejn l-ewwel u t-tieni permess tikkonċerna li tkabbar il-car park, u relocation tal-pool, apparti xi bidliet żgħar interni. Jirriżulta ukoll li l-polza tal-assikurazzjoni kienet ġiet imġedda, però din għal xi raġuni, ma kinitx ġiet sottomessa lill-Awtorità.*

*Minkejja dan, it-Tribunal ma jistax jissanzjona kwalunkwe żvista speċjalment f'industrija hekk delikata u sensittiva. Il-liġi ma tippermetti ebda eċċezzjoni fil-preżentata tal-imsemmija dokumenti. Però, f'dan il-każ partikolari, is-sit kien diġà kopert bil-permess preċedenti li kellu d-dokumenti kollha neċessarji kif ukoll il-clearances maħruġa mill-Awtorità. Kif ġie spjegat, dan jidher li kien żball ġenwin, id-dokumenti kienu diġà ġew sottomessi lill-Awtorità fl-ewwel permess u d-differenzi fl-iżvilupp tat-tieni permess mill-ewwel wieħed kienu minimi.*

*L-Awtorità kienet korretta fl-impożizzjoni tal-multa amministrattiva u kellha raġuni valida fil-liġi għall-impożizzjoni tal-istess.*

*It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jikkunsidra l-ammont tal-multa imposta. L-Avviż tal-Infurzar maħruġ fil-5 ta' Mejju, 2023, jagħmel referenza għal-liġi sussidjarja 623.06 fejn ġie speċifikat illi persuna li tagħmel tali kontravvenzjoni, "*għandha teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux aktar minn ħames mitt Euro (€500)."

*It-Tribunal jinnota li l-perit tal-appellanta ikkonfermat li dan kien kollu frott ta' żvista, peress li l-iżvilupp kien jinvolvi aktar minn permess tal-Awtorità tal-Ippjanar wieħed u li meta l-Awtorità ġibditlu l-attenzjoni ta' dan in-nuqqas, ikkollaborat minnufih u preżentat id-dokumenti kollha neċessarji.*

*Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal iqis li penali amministrattiva imposta kienet waħda eċċessiva. Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex filwaqt li jikkonferma l-impożizzjoni tal-multa amministrattiva jirriduċiha sabiex tirrifletti aħjar iċ-ċirkostanzi u l-fatt speċie tal-każ."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. Fir-rikors tal-appell imressaq mill-Awtorità intimata fl-20 ta' Ottubru, 2023, hija talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni tal-11 ta' Ottubru, 2023, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata.

7. L-Awtorità appellanta spjegat li r-rikorrenti kienet ilmentat għaliex il-penali imposta fuqha ma kienitx ġustifikata, u allegat li parti mix-xogħol kien diġà kopert minn permess. L-Awtorità appellanta qalet li hija ħarġet Ordni (*Stop Works*) fil-5 ta' Mejju, 2023, u ħarġet Avviż ta' Infurzar b'penali amministrattiva ta' €500 għaliex ma ġewx sottomessi d-dokumenti kollha skont il-liġi, u għalhekk ma kienx hemm l-approvazzjoni bil-miktub tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni biex jibda x-xogħol. L-Awtorità appellanta qalet li qabel beda jinstema' l-appell, l-appellata ħallset l-ammont dovut minnha taħt protesta, sabiex ikun jista' jitkompla x-xogħol, u t-Tribunal, filwaqt li ta raġun lill-Awtorità appellanta rigward l-impożizzjoni tal-penali, naqqas l-istess penali għall-ammont ta' €150. L-Awtorità appellanta qalet li l-eċċezzjoni preliminari sollevata minnha ġiet miċħuda.

8. L-Awtorità appellanta spjegat li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni tat-Tribunal, u huwa għalhekk li hija qiegħda tintavola appell minnha. Qalet li t-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi għaliex il-Kap. 623 u l-liġijiet sussidjarji imkien ma jipprovdu għal sitwazzjoni fejn penali tista' titħallas taħt protest. Qalet li l-proċedura quddiem it-Tribunal ixxaqleb lejn il-proċeduri penali fir-rigward tal-livell tal-evidenza li l-Awtorità għandha tipprovdi, u jekk dan huwa minnu, dan ifisser li ladarba l-ammont tal-penali jkun tħallas fl-intier, il-vertenza tal-appell għandha tintemm, għaliex effettivament ir-raġuni tal-appell intemmet bl-aġir tal-appellata. L-Awtorità appellanta qalet li jekk jiġi aċċettat l-argument li l-penali tħallset sabiex ikun jista' jissokta x-xogħol, u wara jsir appell biex id-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta tiġi ssindikata, jintilef kull skop tal-penali u l-Awtorità tispiċċa mneżżgħa mill-poteri tagħha. L-Awtorità appellanta

qalet li bl-artikolu 43(3) tal-Kap. 623, it-Tribunal huwa obbligat jagħti deċiżjoni sa mhux aktar tard minn mija u għoxrin ġurnata (120) u estensjoni massima ta' tletin (30) ġurnata, u dan għandu jissalvagwardja lill-appellant sabiex tingħata deċiżjoni mingħajr dewmien. L-Awtorità appellanta tikkontendi li din il-Qorti għandha tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellata wieġbet billi qalet li fl-ewwel lok, l-appell imur lil hinn minn dak ipprovdut fl-artikolu 47 tal-Kap. 623, u dan għaliex jittratta dwar interpretazzjoni ta' stat ta' fatt li għamel it-Tribunal, u mhux xi punt ta' liġi, u għalhekk dan il-punt mhux appellabbli.

10. Fit-tieni lok, l-appellata qalet li hija kellha kull dritt tħallas il-piena amministrattiva imposta fuqha *under protest*, liema ħlas ġie aċċettat mill-istess Awtorità, u dan għaliex hija xtaqet li tibqa' għaddejja bix-xogħlijiet mingħajr ma titlef il-jedd li tikkontesta l-piena imposta mill-Awtorità, liema piena fil-fehma tal-appellata kienet inġusta. Qalet li fil-fatt hija ngħatat raġun, u l-piena tnaqqset għal €150. Qalet ukoll li huwa ben aċċettat li ħlas jista' jsir *under protest* meta persuna ma tkunx trid tippreġudika ruħha minħabba l-konsegwenzi ta' dak l-istess ħlas.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-Awtorità appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-

konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata.

*L-Aggravju:* *[Interpretazzjoni żbaljata tal-liġi]*

12. L-Awtorità appellanta tgħid li t-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi, għaliex il-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta u l-leġislazzjoni sussidjarja li taqa' taħtu, ma jipprovdux għal sitwazzjoni fejn penali amministrattiva tista' titħallas *under protest*. Qalet li ladarba l-ammont tal-penali tħallas fl-intier tiegħu, il-vertenza tal-appell kellha titqies li hija mitmuma bl-aġir stess tal-appellata.

13. Min-naħa tagħha, l-appellata wieġbet li dan l-aggravju ma jammontax għal punt ta' liġi li seta' jsir appell dwaru u dan minħabba li l-artikolu 47 tal-Kap. 623 jgħid li appell jista' jsir biss dwar punt ta' liġi, għalkemm ma jżidx jgħid li l-punt ta' liġi jrid ikun wieħed li jkun iddeċieda dwaru t-Tribunal. Il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellanta ippernjat fuq l-applikazzjoni tal-liġi għal ċirkostanza fejn persuna tħallas penali amministrattiva, iżda fil-mument tal-ħlas hija tippreċiża li qiegħda tagħmel dan mhux bħala ammissjoni ta' ħtija, iżda għaliex xtaqet tibqa' għaddejja bix-xogħol li riedet tagħmel, u jekk ma tħallasx il-multa imposta, kienet ser tkun kostretta li tieqaf mix-xogħol għal xi żmien. Dan huwa każ fejn l-appellata għażlet li tħallas il-multa sabiex tkun tista' tkompli bix-xogħlijiet, filwaqt li żammet ferm il-jedd tagħha li tikkontesta din il-multa, għaliex hija ssostni li kienet koperta bil-*clearances* kollha neċessarji, u kien biss bi żvista li hija naqset milli tippreżenta l-inkartament kollu mitlub minnha mill-awtorità regolatorja.

14. Wara li kkunsidra l-fatti kollha tal-każ, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li minkejja li aktarx li huwa minnu li l-appellata naqset milli tippreżenta d-dokumentazzjoni mitluba minnha bi żvista, fl-istess waqt it-Tribunal qies li ma jistax ikun leġġer u jippermetti jew jissanzjona ċerti nuqqasijiet f'settur daqstant sensittiv u delikat bħall-kostruzzjoni. Għalhekk, wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal kkonkluda li l-appellata ma kellhiex tintalab tħallas il-piena massima li kkontemplata fil-liġi, jiġifieri ħames mitt Euro (€500), iżda dan l-ammont kellu jitnaqqas għal mija u ħamsin Euro (€150), għaliex fil-fehma tat-Tribunal l-aġir tal-appellata kien riżultat ta' żball ġenwin. Minkejja l-fatt li l-Kap. 623 u l-liġijiet li jaqgħu taħtu, ma jipprovdux għal sitwazzjoni fejn ħlas jista' jsir *under protest,* madanakollu m'hemm xejn x'iżomm lil dak li jkun milli jikkwalifika l-ħlas minnu magħmul, u dan sabiex filwaqt li jottempera ruħhu mal-ordnijiet tal-awtorità regolatorja, jkun jista' jkompli bix-xogħlijiet tiegħu, speċjalment f'sitwazzjoni fejn l-individwu juri li ma kien hemm l-ebda intenzjoni min-naħa tiegħu, li ma jonorax l-obbligi imposti fuqu bil-liġi jew agħar minn hekk, li jikser il-liġi. It-Tribunal qies li l-iżvista tal-appellata għandha tiġi penalizzata xorta waħda, għalkemm mhux bil-piena massima li ħaseb għaliha l-leġislatur. Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ m'hemm xejn li mhux raġonevoli fil-konklużjoni tat-Tribunal, u għalhekk sejra tagħmel tagħha dan ir-raġunament tiegħu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-aggravju mressaq mill-appellanta, filwaqt li qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-Awtorità appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**